

Paġna Ewlenija > ... > Leġiżlazzjoni U Każistika > Il-pubblikazzjoni Ta' Avviżi Uffiċjali > Estonia

Il-pubblikazzjoni ta' avviżi uffiċjali

Il-kontenut ipprovdut minn
Estonja

Estonja



Fuq liema sit(i) web jiġu ppubblikati l-avviżi uffiċjali?

L-avviżi pubbliċi importanti jiġu ppubblikati fuq is-sit tal-pubblikazzjoni uffiċjali *Ametlikud Teadaanded* (Avviżi Uffiċjali). F'xi każijiet, il-leġiżlazzjoni tirrikjedi wkoll il-pubblikazzjoni tal-avviżi fil-gazzetti.

Il-pubblikazzjoni onlajn uffiċjali *Ametlikud Teadaanded* ilha tiġi ppubblikata f'format elettroniku biss mill-1 ta' Lulju 2003. Hija wkoll bażi ta' *data* inkorporata fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Istat. *Ametlikud Teadaanded* huwa disponibbli għal kulħadd bla ħlas fl-indirizz <https://www.ametlikudteadaanded.ee/>.

Liema avviżi huma ppubblikati?

Notifiki, stedinet u avviżi li jridu jiġu ppubblikati bil-liġi jew skont regolament tal-Gvern tar-Repubblika jew regolament ministerjali.

Fl-*Ametlikud Teadaanded* jiġu ppubblikati żewġ tipi ta' avviżi:

1. l-avviżi maħsuba biex jinfurmaw persuna partikolari u li, għal finijiet ta' privatezza, ma jkunux jistgħu jergħu jintużaw. L-avviżi ta' din ix-xorta huma soġġetti għal termini taż-żmien għall-pubblikazzjoni fl-*Ametlikud Teadaanded* u għal restrizzjonijiet fuq l-aċċess wara li ma tibqax issir il-pubblikazzjoni. Ir-rekwiżiti tal-użu mill-ġdid ma japplikawx għal avviżi ta' din ix-xorta;
2. avviżi maħsubin biex jinfurmaw lil kulħadd u li jenthiēg li jkunu jistgħu jintużaw mill-ġdid f'format li jinqara mill-magni.

Minn liema organizzazzjoni(jiet) jiġu ppubblikati l-avviżi uffiċjali?

L-avviżi meħtieġa għall-prestazzjoni tal-funzjonijiet tal-awtoritajiet Statali u lokali u tar-rappreżentanti tal-professjonijiet liberi (eż. nutara u bailiffs) jiġu ppubblikati fl-*Ametlikud Teadaanded*. L-avviżi ta' entitajiet ġuridiċi privati li jridu jiġu ppubblikati bil-liġi u li jkunu ppubblikati għal finijiet ta' interess pubbliku, jiġifieri li jkunu maħsubin biex jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali (eż. qsim u xoljiment ta' kumpaniji), jiġu ppubblikati wkoll.

L-aċċess għall-avviżi uffiċjali hu bla ħlas?

L-aċċess għall-avviżi ppubblikati fl-*Ametlikud Teadaanded* huwa bla ħlas.

Irid isir ħlas lill-Istat biex tippubblika avviż fl-interess ta' individwu privat, pereżempju, avviż ta' telfien ta' dokument.

X'tipi ta' tiftixiet jistgħu jsiru?

L-avviżi ppubblikati jistgħu jifittxu bit-tip, bit-titolu, bil-pubblikatur u biż-żona ta' influwenza jew bl-użu tal-funzjoni ta' tiftix tat-test sħiħ.

Is-servizz "L-Avvizi Uffiċjali Tiegħi" (*Minu Ametlikud Teadaanded*) jippermetti li persuna tinkiteb biex tirċievi bosta tipi ta' avviżi fl-indirizz elettroniku tagħha u biex tara avviżi arkivjati li jirrigwardawha, u li l-pubblikazzjoni tagħhom ma tkunx baqgħet issir. Il-pubblikazzjoni ta' avviż maħsub għal persuna partikolari ma jibqax isir u l-avviż jiġi arkivjat ladarba l-pubblikazzjoni tkun laħqet l-għan tagħha. Il-pubblikazzjoni ta' dan it-tip ta' avviż ma tibqax issir lanqas meta l-persuna tikkonferma li rċeviet l-avviż bil-karta tal-identità tagħha, bl-użu tas-servizz "L-Avvizi Uffiċjali Tiegħi".

Minn liema data se jkunu disponibbli l-avviżi uffiċjali fil-format elettroniku?

L-1 ta' Lulju 2003. Is-sit tal-*Ametlikud Teadaanded* jinkludi wkoll avviżi ppubblikati qabel fuq karta u maħsubin biex jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali.

It-tiftixiet jistgħu jiġu ssejvjati u jistgħu jintbagħtu notifikati meta jintlaħqu l-kriterji?

Persuna tista' tinkiteb biex tirċievi l-avviżi kollha bil-posta elettronika u tissejvja l-avviżi bl-użu tas-servizz "L-Avvizi Uffiċjali Tiegħi". L-użu tas-servizz "L-Avvizi Uffiċjali Tiegħi" jitlob l-awtentikazzjoni mal-karta tal-identità tal-persuna jew mal-mobile ID. Is-servizz "L-Avvizi Uffiċjali Tiegħi" jippermetti li persuna tara avviżi tal-*Ametlikud Teadaanded* arkivjati li jikkonċernawha u tara min iktar qara l-avviżi arkivjati li jikkonċernawha.

Huwa possibbli wkoll li jintużaw URIs għat-tiftix u l-ksib tal-avviżi fl-*Ametlikud Teadaanded*. L-uniċità tal-URI tiddependi minn kemm-il komponent tal-URI jintuża. L-URI jista' jintuża biex jiftaħ avviż ippubblikat jew iktar f'format HTML, li huwa simili għal riżultat ta' tiftixa, jew bħala XML jew fajl XML-RDF.

L-URIs ta' avviżi jippermettu li jinfetħu avviżi disponibbli għall-pubbliku li ma jkunux maħsubin biex ikunu magħrufa minn persuna partikolari u li l-pubblikazzjoni tagħhom ma tkunx twaqqfet milli tkompli ssir.

Biex tuża URI, irid jinħoloq indirizz web li jikkorrispondi għad-*data* tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' interess.

Iktar istruzzjonijiet dettaljati dwar tiftix ibbażat fuq URI jinsab fl-indirizz <https://www.ametlikudteadaanded.ee/avalik/uriotsing>.

L-avviżi uffiċjali huma disponibbli bla ħlas bħala *data* miftuħa? Jekk dan hu l-każ, fejn jistgħu jinstabu r-repożitorju u/jew l-informazzjoni?

L-avviżi li ma jkunux maħsubin biex jgħarrfu lil persuni fiżiċi partikolari, jiġifieri avviżi maħsubin bħala informazzjoni għall-pubbliku ġenerali, huma disponibbli bħala *data* miftuħa. L-avviżi li ma għadhomx jiġu ppubblikati u li ġew arkivjati mhumiex disponibbli bħala *data* miftuħa.

Data miftuħa tista' titniżżel f'ħin reali bħala URIs. L-uniċità tal-URI tiddependi minn kemm-il komponent tal-URI jintuża. L-URI jista' jintuża biex jiftaħ avviż ippubblikat jew iktar f'format HTML, li huwa simili għal riżultat ta' tiftixa, jew bħala XML jew fajl XML-RDF. Biex tuża URI, irid jinħoloq indirizz web li jikkorrispondi għad-*data* tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' interess.

L-aħħar aġġornament: 14/05/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.